

32001L0049

29.6.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 176/61

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/49/KE

tat-28 ta' Ġunju 2001

li temenda l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti biex jinkludu d-DPX KE 459 (il-flupirsulfuron-metil) bħala sustanza attiva

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/EEC tal-15 ta' Lulju 2001 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/236/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttiva") fis-26 ta' Ottubru 1995 Franza rċeviet applikazzjoni mid-*Du Pont de Nemours SAS*, ("l-applikant") għall-inklużjoni tas-sustanza attiva DPX KE 459 (il-flupirsulfuron-metil) fl-Anness I mad-Direttiva.
- (2) Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/164/KE ⁽³⁾ ikkonkludiet illi d-*dossier* issottomess għall-flupirsulfuron-metil jista' jitqies bħala li jissodisfa, fil-prinċipju, il-ħtiġiet ta' l-informazzjoni u t-tagħrif ta' l-Anness II, u għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih din is-sustanza attiva, ta' l-Anness III mad-Direttiva.
- (3) L-effetti tal-flupirsulfuron-metil fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-ambjent ġew stmati minn Franza, waqt li kienet taġixxi bħala Stat Membru *rappporteur* innominat, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva, għall-użi proposti mill-applikant, Franza ssottomettiet l-abbozz tar-rapport tagħha ta' l-istima li tirrigwarda s-sustanza lill-Kummissjoni fit-2 ta' Diċembru 1997.
- (4) Id-dokument u t-tagħrif mir-reviżjoni tal-flupirsulfuron-metil kienu wkoll ġew issottomessi lill-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti għall-opinjoni fil-15 ta' Lulju 1999. Dan il-Kumitat kien ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Novembru 2000 ⁽⁴⁾.
- (5) Fid-dawl ta' dawn l-eżamijiet, jidher illi l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-flupirsulfuron-metil jistgħu jiġu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, il-ħtiġiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (3) tad-Direttiva, b'mod partikolari rigward l-użi li kienu eżaminati u ddetaljati fir-rapporti tar-reviżjoni tal-Kummissjoni. Huwa għalhekk approprjat illi tiġi inkluzja fl-Anness I mad-Direttiva, għalbiex jiġi żgurat illi fl-Istati Membri

kollha l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom lilu jistgħu jiġu awtorizzati skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemmija.

- (6) Wara l-inklużjoni, huwa meħtieġ perjodu raġjonevoli taż-żmien sabiex jippermetti lill-Istati Membri li jimplementaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari sabiex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji konċessi lill-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-flupirsulfuron-metil, li għandhom jiġu mibdula bl-awtorizzazzjonijiet konċessi skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/414/KEE. Perjodu itwal taż-żmien jista' wkoll ikun meħtieġ rigward il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-flupirsulfuron-metil u s-sustanzi attivi l-oħra inklużi fl-Anness I.
- (7) Ir-rapport tar-reviżjoni huwa meħtieġ sabiex jiġu implimentati kif jixraq mill-Istati Membri, it-taqsimiet diversi tal-prinċipji uniformi stabbiliti fl-Anness VI mad-Direttiva, li jirreferu għall-evalwazzjoni ta' l-informazzjoni ssottomessa bil-għan ta' l-inklużjoni tas-sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva. Huwa approprjat li jiġi pprovdut illi r-rapport iffinalizzat tar-reviżjoni (għajr għat-tagħrif kunfidenzjali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 14 tad-Direttiva) jinżamm disponibbli jew jintgħamel disponibbli mill-Istati Membri għall-konsultazzjoni minn kull parti interessata.
- (8) Jekk dan ir-rapport tar-reviżjoni jiġi aġġornat sabiex iqis l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-kondizzjonijiet għall-inklużjoni tal-flupirsulfuron-metil fl-Anness I mad-Direttiva jistgħu wkoll jeħtieġu li jiġu emendati skond il-proċedura speċifikata fid-Direttiva.
- (9) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti mogħtija fis-27 ta' April 2001,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:-

Artikolu 1

It-tabella fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE għandha tiġi emendata sabiex tinkludi d-dhul rigward id-DPX KE 459 (il-flupirsulfuron-metil) iddikjarat fl-Anness ma' hawn.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2001. Għandhom jgħarrfu b'dan minnufih lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 164, ta' l-20.6.2001, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 64, tal-5.3.1997, p. 7.

⁽⁴⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti li tirrigwarda l-evalwazzjoni tal-flupirsulfuron-metil fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. SCP/FLUPYR/002 finali bid-data tal-11 ta' Diċembru 2000.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

Artikolu 3

Madankollu, rigward ir-reviżjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet proviżorji konċessi fid-dawl tar-rapport tar-reviżjoni u sabiex jiġu applikati l-Prinċipji Uniformi pprovduti l-Anness VI mad-Direttiva 91/414/KEE, l-awtorizzazzjonijiet proviżorji għandhom jiġu rtirati u fejn approprjat mibdula b'awtorizzazzjoni sħiħa sat-30 ta' Novembru 2002. Madankollu, rigward il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom id-DPX KE 459 (il-flupirsulfuron-metil) flimkien ma' sustanza attiva oħra li għadha mhix fl-Anness I, il-perjodu taż-żmien riferit hawn fuq jiġi mtawwal safejn u sakemm jiġi pprovdut perjodu itwal taż-żmien sabiex jiġu implimentati bid-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva li temenda l-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEEC biex tinkludi s-sustanza l-oħra fl-Anness.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom iżommu disponibbli r-rapporti tar-reviżjoni għad-DPX KE 459 il-flupirsulfuronmetil (għajr għat-tagħrif kunfidenzjali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 14 tad-Direttiva 91/414/KEE) għall-konsultazzjoni minn kull parti interessata jew għandhom jagħmluh disponibbli lilhom fuq talba speċifika.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2001.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

ID-DĦUL LI JRID JIDDAĦĦAL FIT-TABELLA FL-ANNEX I MAD-DIRETTIVA 91/414/KEE

In-Numru	L-isem komuni, lin-numri ta' identifikazzjoni	L-isem ta' l-IUPAC	Is-safa ⁽¹⁾	Id-Dħul fis-seħħ	L-Iskadenza ta' l-inklużjoni	Disposizzjonijiet speċifiċi
	Id-DPX KE 459 (flupirsulfuron-metil) CAS Nru 144740-54-5 In-Numru tas-CIPAC 577	Il-melħ tal-monosodju 2(4,6-dimethoxyppyridin-2-ylcarbamoylsulfamoyl)-6-trifluoromethylnicotinate	903 g/kg	L-1 ta' Lulju 2001	It-30 ta' Ġunju 2011	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala erbiċidi Fit-teħid tad-deċiżjonijiet skond il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art. Id-Data tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie ffinalizzat ir-rapport tar-reviżjoni: is-27 ta' April 2001.

⁽¹⁾ Iktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapport tar-reviżjoni għad-DPX KE 459 Flupirsulfuron-metil (5050/VI/97).